Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

**Brussell, 27 ta' Mejju 2026**

**CM 2999/26**

**ENV**
**CLIMA**
**ONU**
**RELEX**
**PROCED**

## KOMUNIKAZZJONI

**PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

| | |
|---|---|
| Kuntatt: | environment@consilium.europa.eu |
| Tel./Fax: | +32 228 172 18 |
| Suġġett: | **PROĊEDURA BIL-MIKTUBbi tweġiba sas-27 ta' Mejju 2026 fl-16:00, ħin ta' Brussell (CET)** dwar id-Dikjarazzjoni ta' Dushanbe (ir-raba' Konferenza ta' Dushanbe dwar id-Deċennju tal-Ilma) (Dushanbe, it-Taġikistan 25-28 ta' Mejju 2026)<br>– Bidu ta' proċedura bil-miktub<br>– Awtorizzazzjoni biex jiġi approvat strument mhux vinkolanti |

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) ħa fis-27 ta' Mejju 2026 li tintuża l-proċedura bil-miktub[1], jekk jogħġobkom indikaw jekk tawtorizzawx l-approvazzjoni, f'isem l-UE, tad-Dikjarazzjoni ta' Dushanbe fir-raba' Konferenza internazzjonali ta' livell għoli dwar id-Deċennju Internazzjonali għall-Azzjoni "L-ilma għal Żvilupp Sostenibbli 2018-2028" li ser issir f'Dushanbe, it-Taġikistan, mill-25 sat-28 ta' Mejju 2026 kif tinsab fid-dokument 9076/26, dment li t-test finali – f'każ li jiġi emendat – ikun konformi mal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni kif ukoll mal-pożizzjonijiet maqbula tal-UE u l-Istati Membri tagħha.

**Jekk jogħġobkom wieġbu IVA jew LE.**

[1] 9441/26

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fil-ħin tas-sottomissjoni tat-tweġiba, għajr dawk li diġà saru fil-Coreper.

It-tweġibiet iridu jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sal-**Erbgħa, 27 ta' Mejju 2026, fl-16:00** (ħin ta' Brussell) u għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil: environment@consilium.europa.eu.